MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Numru 923/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs.**

**Mohamed Abdalla Mohamed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Mohamed Abdalla Mohamed**, ta' tnejn u tletin (32) sena, bin Abdalla u Fatima, imwieled Sudan, fl-1 ta' Jannar 1982, u residenti gewwa 60, Triq Fra Diegu, Marsa, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 53214(A) akkuzat talli nhar il-21 ta' Settembru 2014 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (07.30hrs) gewwa Paceville, San Giljan:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku (Pulizija u ufficjali tat-*Transport Malta*), waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi;

2. volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor (uniformi tal-Pulizija), mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorri tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29);

3. ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

4. kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba titratta lill-imputat bhala recidiv *a termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenza saret definittiva.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "ET 1").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "ET 2") u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 96(a), 325(1)(d), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mohamed Abdalla Mohamed hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' seba' (7) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' erbat'elef Euro (€ 4000.00).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------